MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Numru. 321/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
FREDDIE MANSUETO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Freddie Mansueto, ta’ 25 sena, bin Francis u Carmen nee’ Xuereb, imwieled Pieta’ fit-12 t’Awissu 1979, residenti fl-indirizz Flt 7, Ent A, Binja F.Sciberras, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 424779(M), u akkuzat talli fit-18 ta’ Frar 2005, u fiz-zminijiet ta’ qabel fil-Floriana u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-

atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel il-klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

Talli fl-istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, wara li rat Artikli 183, 184 u 189 tal-Kap 9, u Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz li jitratta falsifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------